2025/1522

29.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1522

tat-28 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1010/2009 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6(1), 12c, 17(3), u 20(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 stabbilixxa sistema tal-Unjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU, illegal, unreported and unregulated).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2009 ([2]) stabbilixxa regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 ġie sussegwentement emendat bir-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(4) Għadd ta' emendi introdotti bir-Regolament (UE) 2023/2842 huma relatati ma' dispożizzjonijiet li ġew stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1010/2009.

(5) Għalhekk jixraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1010/2009 biex jiġi adattat għall-bidliet introdotti fir-Regolament (KE) Nru 1005/2008, kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/2842.

(6) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 jistabbilixxi formola għan-notifika minn qabel imsemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Din il-formola għandha tiġi ssimplifikata biex jiġu evitati duplikazzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tiġi rrappurtata. Għalhekk, l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 u l-Anness korrispondenti tiegħu għandhom jiġu aġġornati.

(7) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet fil-port ta' mill-inqas 5 % tal-operazzjonijiet ta' żbark u ta' trażbord minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-punti ta' riferiment iddeterminati abbażi tal-ġestjoni tar-riskju. Dawn il-punti ta' riferiment huma stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 jipprevedi li dawn il-punti ta' riferiment għandhom jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, abbażi tar-riżultat tar-rappurtar li għandu jsir mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tagħhom. Bidliet fil-punti ta' riferiment ġew introdotti wkoll bir-Regolament (UE) 2023/2842 fl-Artikoli 3, 10 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Għalhekk, l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 jeħtieġ li jiġi aġġornat kif xieraq.

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1005/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1010/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u (KE) Nru 1005/2008 u r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2017/2403 u (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd (ĠU L, 2023/2842, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2842/oj)

(8) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 introduċa formola simplifikata ta' ċertifikat tal-qbid għal xi prodotti tas-sajd miksuba minn bastimenti tas-sajd żgħar, fid-dawl tar-restrizzjonijiet possibbli tal-kapaċità li jiffaċċjaw tali bastimenti għall-implimentazzjoni xierqa tal-iskema ta' ċertifikazzjoni. Fin-nuqqas ta' definizzjoni ġenerali ta' sajd fuq skala żgħira, l-Artikolu 6 tal-istess Regolament stabbilixxa ċerti kriterji speċifiċi li abbażi tagħhom tista' tintalab il-validazzjoni ta' ċertifikat simplifikat tal-qbid mill-esportatur. Dawn il-kriterji jenħtieġ li jqisu l-kapaċità limitata tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati, li min-naħa tagħhom jagħmlu l-obbligu li tiġi applikata l-iskema standard taċ-ċertifikazzjoni tal-qbid piż sproporzjonat. Dawk il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà għall-użu tal-formola simplifikata jenħtieġ li jiġu emendati sabiex isiru aktar faċli biex jiġu implimentati u biex jiġu vverifikati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-formola simplifikata taċ-ċertifikat tal-qbid jenħtieġ li tiġi adattata għall-użu ta' CATCH u għall-modifika introdotta bir-Regolament (UE) 2023/2842 fil-formola taċ-ċertifikat tal-qabda li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Sabiex l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għall-modifiki għall-formola taċ-ċertifikat simplifikat tal-qbid, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

(9) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) fost l-oħrajn jistabbilixxi r-regoli biex l-Istati Membri jwettqu l-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra fuq l-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari. Dan jirrikjedi li l-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema kompjuterizzata ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC, information management system for official controls) li tippermetti l-ġestjoni, it-trattament u l-iskambju tad-data, l-informazzjoni u d-dokumenti b'mod awtomatiku b'rabta mal-kontrolli uffiċjali.

(10) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([5]) jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha ("ir-Regolament IMSOC"). L-IMSOC tintegra u taġġorna kif meħtieġ ċerti sistemi ta' informazzjoni ġestiti mill-Kummissjoni u taġixxi bħala skema ta' interoperabbiltà li tikkonnettjahom u, f'ċerti każijiet, anki sistemi nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri u sistemi ta' informazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali. Wieħed mill-komponenti tal-IMSOC huwa s-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji (is-sistema TRACES, Trade Control and Expert System) imsemmija fl-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 u li bħalissa tintuża għall-ġestjoni tad-data u l-informazzjoni dwar l-annimali u xi prodotti oħra u l-kontrolli uffiċjali fuqhom.

(11) Ir-Regolament (UE) 2023/2842 emenda l-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 billi stabbilixxa l-użu obbligatorju għall-importaturi tal-UE u għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ta' bażi tad-data għall-ġestjoni taċ-ċertifikati tal-qabda u tad-dokumenti relatati bl-isem CATCH. Din il-bażi tad-data ġiet żviluppata mill-Kummissjoni bħala parti mis-sistema TRACES. CATCH tippermetti kontroll ibbażat fuq ir-riskju, tnaqqas ir-riskju ta' importazzjonijiet frodulenti u tħaffef il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(12) CATCH, bħala parti mis-sistema TRACES, tikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715 fejn rilevanti għall-użu u l-funzjonament ta' CATCH.

(13) Għandhom jiġu stabbiliti regoli u struzzjonijiet speċifiċi għall-funzjonament ta' CATCH, inkluż il-produzzjoni, it-trattament u s-sottomissjoni ta' ċertifikati tal-qbid u ta' dokumenti relatati u l-informazzjoni li tinsab fihom f'CATCH.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1715/oj.)

(14) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jipprevedi r-rikonoxximent tal-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qabda adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (minn hawn 'il quddiem imsejħa RFMOs, regional fisheries management organisations) li jitqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament imsemmi. L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 rrikonoxxa l-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qbid ta' ċerti RFMOs bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u elenkahom fl-Anness V, il-Parti I u l-Parti II. Din il-lista għandha tiġi aġġornata sabiex jitqiesu l-iżviluppi ta' dawn l-iskemi u l-użu ta' CATCH.

(15) L-operaturi ekonomiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiksbu l-istatus ta' operatur ekonomiku approvat jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata meta jimportaw prodotti tas-sajd fit-territorju tal-Unjoni. Wieħed mill-benefiċċji tal-kisba tal-istatus ta' operatur ekonomiku approvat, abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, huwa li jkollu l-possibbiltà li javża lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru bil-wasla tal-prodotti u li jżomm iċ-ċertifikat tal-qabda vvalidat u d-dokumenti relatati, kif imsemmi fl-Artikolu 14, disponibbli għall-awtoritajiet għall-finijiet ta' kontrolli f'konformità mal-Artikolu 16(1) jew ta' verifiki f'konformità mal-Artikolu 17 tal-istess Regolament. Madankollu, l-Artikolu 12a(2) ta' dak ir-Regolament, jistabbilixxi li kull skambju ta' informazzjoni, data u dokumenti fir-rigward tal-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-kontrolli relatati, il-ġestjoni tar-riskju, il-verifiki u l-kontroll, kif ukoll fir-rigward tad-dokumenti msemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament imsemmi dwar l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti tas-sajd inklużi applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet bejn l-importatur u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għandhom isiru bl-użu ta' CATCH. Għalhekk, ir-regoli relatati mal-istatus tal-operaturi ekonomiċi approvati għandhom jiġu aġġornati biex jikkonformaw mal-użu obbligatorju ta' CATCH. B'riżultat ta' dan, l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(16) L-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jistabbilixxi li l-verifiki skont l-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-qabda jridu jkunu ffukati fuq ir-riskji identifikati abbażi tal-kriterji komuni tal-Unjoni għall-verifiki, li sussegwentement ġew stabbiliti fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009.

(17) Dawn il-kriterji komuni għall-verifiki skont l-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-qabda għandhom jippermettu l-identifikazzjoni sistematika tar-riskji u l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġi limitat l-esponiment għal riskji bħal dawn. Il-kriterji komuni tal-Unjoni għandhom l-għan li jiżguraw approċċ armonizzat għall-verifiki fl-Istati Membri kollha u li jistabbilixxu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi kollha.

(18) L-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 jippermetti lill-Kummissjoni taġġorna l-kriterji tal-Unjoni għall-verifika abbażi tal-osservazzjonijiet tagħha stess u tar-rapporti li għandhom jiġu trażmessi kull sentejn mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 jiġi aġġornat abbażi tar-riżultat tar-rappurtar magħmul mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 u l-użu ta' CATCH.

(19) L-obbligi ta' rappurtar u l-evalwazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 għandhom jiġu aġġornati wkoll sabiex tiġi armonizzata l-informazzjoni li għandha tkun inkluża fir-rapporti trażmessa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u sabiex jippermettu lill-Kummissjoni twettaq aġġustamenti possibbli tal-kriterji tal-Unjoni.

(20) L-Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jipprevedi kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Kummissjoni u pajjiżi terzi f'oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-qabda. Fil-qafas tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, iċ-ċertifikat tal-qabda jista' jiġi stabbilit, ivvalidat jew sottomess b'mezzi elettroniċi jew jista' jiġi sostitwit b'sistemi elettroniċi ta' traċċabbiltà li jiżguraw l-istess livell ta' kontroll mill-awtoritajiet, bi qbil mal-Istati tal-bandiera permezz ta' arranġamenti amministrattivi.

(21) L-arranġamenti amministrattivi stabbiliti fil-qafas tal-kooperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, huma elenkati fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009.

(22) L-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, permezz tar-Regolament (UE) 2023/2842, introduċiet l-użu obbligatorju ta' CATCH, kif ukoll bidliet fil-mudell taċ-ċertifikat tal-qabda, bl-għan li jitnaqqas l-użu frodulenti taċ-ċertifikati tal-qabda u biex l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġu megħjuna bil-kontrolli tagħhom.

(23) CATCH se twettaq kontroverifiki abbażi tad-data li tinsab fiċ-ċertifikati tal-qabda l-ġodda. Dawn il-kontroverifiki jistgħu jitwettqu biss jekk tiġi pprovduta d-data kollha meħtieġa fiċ-ċertifikat tal-qabda. Data nieqsa jew data li tiddevja mill-mudell standard se taffettwa l-kontroverifiki u għalhekk se jkollha impatt negattiv fuq il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri. In-nuqqas ta' tali data fiċ-ċertifikati tal-qabda jista' jaffettwa wkoll ir-rekwiżiti l-ġodda ta' traċċabbiltà stabbiliti f'CATCH.

(24) Konsegwentement, l-arranġamenti amministrattivi stabbiliti bejn il-Kummissjoni u seba' pajjiżi terzi, li jinsabu fl-Anness IX tar-Regolament Nru 1010/2009, ma jibqgħux kompatibbli ma' CATCH u mar-rekwiżiti tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid. Għalhekk jenħtieġ li l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament li jistipula dawn l-arranġamenti jitħassar kif xieraq. Il-Kummissjoni infurmat lill-pajjiżi terzi kollha kkonċernati, li l-arranġamenti amministrattivi se jintemmu mill-10 ta' Jannar 2026.

(25) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data hija rregolata mir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni hija rregolata mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-ipproċessar, it-trasferiment ta' data personali mis-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri lill-Kummissjoni, il-legalità tal-ipproċessar, u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni, l-aċċess għad-data personali tagħhom, ir-rettifika u t-tħassir tagħha.

(26) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1862 ([8]), il-Kummissjoni tista' tipproċessa data personali sabiex timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Ġew stabbiliti regoli interni fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-data u r-restrizzjonijiet ta' whud mid-drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni fis-sistema tal-Unjoni għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

(27) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1010/2009 jiġi emendat kif xieraq.

(28) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, assistita mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

(29) Il-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-President tiegħu,

(30) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fit-13 ta' Ġunju 2025,

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1862 tas-6 ta' Novembru 2019 li tistabbilixxi regoli interni dwar l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-data u r-restrizzjonijiet ta' whud mid-drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni fis-sistema tal-Unjoni sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. C/2019/7894 (ĠU L 286, 7.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1862/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1010/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Formola għan-notifika minn qabel

Il-formola għan-notifika minn qabel imsemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 tinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.".

(2) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Punti ta' riferiment għall-ispezzjoni fil-port

1. Il-punti ta' riferiment għall-ispezzjonijiet fil-port imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 għandhom jikkonsistu mill-kriterji li ġejjin:

(a) speċijiet ikkonċernati jkunu soġġetti għal skema jew kwoti ta' spezzjoni stabbiliti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

(b) bastiment tas-sajd ma jkunx ġie spezzjonat f'port tal-UE fl-aħħar 6 xhur;

(c) inkonsistenzi bejn il-qabdiet u l-attivitajiet magħrufa tas-sajd ta' Stat tal-bandiera b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċijiet, il-volumi jew il-karatteristiċi tal-flotta tas-sajd tiegħu;

(d) nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 dwar notifika minn qabel; inkonsistenzi bejn id-data dwar il-qabdiet dikjarata mill-operatur u informazzjoni oħra disponibbli lill-awtorità kompetenti;

(e) sid il-bastiment jew operatur tal-bastiment issuspettat li huwa jew li kien involut f'attivitajiet tas-sajd IUU;

(f) bastiment ikun reċentement biddel ismu, il-bandiera jew in-numru tar-reġistrazzjoni;

(g) bastiment attwalment itajjar il-bandiera jew fl-aħħar 5 snin tajjar il-bandiera ta' Stat innotifikat mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(h) bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat mhux notifikat skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(i) informazzjoni disponibbli dwar irregolaritajiet possibbli fil-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qbid minn Stat tal-bandiera partikolari;

(j) nuqqasijiet preżunti fis-sistema ta' kontroll tal-Istat tal-bandiera;

(k) operaturi kkonċernati li kienu involuti f'attivitajiet illegali li jikkostitwixxu riskju potenzjali fir-rigward tas-sajd IUU;

(l) bastiment tas-sajd ikun ġie miċħud id-dħul jew l-użu tal-port f'konformità mal-leġiżlazzjoni internazzjonali, reġjonali u/jew nazzjonali rilevanti inklużi l-bastimenti tas-sajd li eventwalment ikunu ġew awtorizzati jidħlu jew jaċċessaw il-port minħabba *force majeure* jew periklu skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-punt (b) tal-ewwel paragrafu, l-Istati Membri għandhom, wara kull spezzjoni, jirrapportaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd l-isem u l-bandiera tal-bastiment ta' pajjiż terz spezzjonat u d-data tal-ispezzjoni. Il-Kummissjoni jew l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għal Stati Membri oħra.".

(3) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Ċertifikat simplifikat tal-qbid

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi:

(a) b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru mingħajr irkaptu rmunkat; jew

(b) b'tul totali ta' inqas minn 8 metri bl-irkaptu rmunkat;

2. Qabdiet minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 1 li jinħattu l-art biss fl-Istat tal-bandiera ta' dawk il-bastimenti, u li flimkien jikkostitwixxu kunsinna waħda jistgħu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat simplifikat tal-qbid minflok iċ-ċertifikat tal-qabda msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Iċ-ċertifikat simplifikat tal-qbid għandu jkun fih l-informazzjoni kollha speċifikata fil-mudell muri fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u għandu jiġi vvalidat mill-awtorità pubblika tal-Istat tal-bandiera li għandha s-setgħat meħtieġa biex tafferma l-akkuratezza tal-informazzjoni.

3. Il-validazzjoni taċ-ċertifikat simplifikat tal-qbid għandha tintalab mill-esportatur tal-konsenja malli tintbagħat lill-awtorità pubblika l-informazzjoni kollha speċifikata fil-kampjun muri fl-Anness IV.".

(4) Jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"*Artikolu 6a*

CATCH

1. F'konformità mal-Artikolu 12a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-importatur, ir-riesportatur u, fejn rilevanti, l-esportatur, għandhom jissottomettu permezz ta' CATCH id-dokumenti li ġejjin, kif applikabbli, u l-informazzjoni li tinsab fihom lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-prodotti tas-sajd huma maħsuba li jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni libera, jew fil-każ ta' esportazzjonijiet mill-ġdid lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li minnu jkunu se jseħħu, jew fil-każ ta' esportazzjonijiet lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera:

(a) ċertifikat tal-qbid f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u l-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament;

(b) ċertifikat simplifikat tal-qbid f'konformità mal-Artikolu 6 u l-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(c) ċertifikat ta' riesportazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u inkluż fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(d) dettalji tat-trasport inklużi fl-Appendiċi tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(e) stqarrija msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 stabbilita mill-impjant tal-ipproċessar f'pajjiż terz u approvata mill-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż terz skont il-formola li tinsab fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(f) dokument uniku tat-trasport imsemmi fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew dokument ta' nuqqas ta' manipulazzjoni skont il-mudell stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2025/453;

(g) kwalunkwe dokument ta' sostenn jew informazzjoni rilevanti skont l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid relatata mal-prodotti tas-sajd.

2. Id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE tal-Istat Membru fejn issir is-sottomissjoni.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istat Membru fejn issir is-sottomissjoni jista' jagħti l-kunsens tiegħu li jirċievi dokumenti miktuba b'lingwa uffiċjali oħra tal-UE wara talba għal dak l-għan mill-operatur ikkonċernat.

4. Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt wieħed jew aktar għal CATCH u jikkomunika dik il-ħatra u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom lill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-punti ta' kuntatt għal CATCH u jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih bi kwalunkwe bidla f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha żżomm u żżomm aġġornata lista ta' punti ta' kuntatt u tagħmilha disponibbli għall-Istati Membri kollha.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għad-data, l-informazzjoni u d-dokumenti kollha f'CATCH sabiex timmonitora l-iskambju ta' data, informazzjoni u dokumenti mdaħħla jew prodotti fiha għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet li mhumiex, jew jidhru li mhumiex, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1005/2008. L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandu jkollha l-istess drittijiet ta' aċċess bħall-Kummissjoni, sabiex tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-applikazzjoni uniformi u effettiva tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif previst fir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), inkluż fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU.

6. Fir-rigward tal-aċċess għall-utenti għajr il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għad-data, l-informazzjoni u d-dokumenti f'CATCH, japplikaw ir-regoli ġenerali għal TRACES kif stabbiliti fl-Artikolu 36 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

7. Malli tirċievi applikazzjoni, il-Kummissjoni tista' tagħti lill-awtorità kompetenti u lill-operaturi ta' pajjiż terz aċċess parzjali għall-funzjonalitajiet ta' CATCH u għal data speċifika rilevanti għal dak il-pajjiż terz għall-produzzjoni u l-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qbid u d-dokumenti relatati f'CATCH, dment li l-applikant juri li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikollu l-kapaċità legali u operazzjonali li jipprovdi, mingħajr dewmien żejjed, l-assistenza meħtieġa li tippermetti l-funzjonament tajjeb ta' CATCH; u

(b) ikun ħatar punt ta' kuntatt għal dak l-għan.

L-aċċess parzjali msemmi f'dan il-paragrafu ma għandux jinkludi aċċess għal data personali pproċessata f'CATCH, ħlief meta l-kundizzjonijiet għal trasferimenti legali ta' data personali stabbiliti bir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 jiġu ssodisfati mill-pajjiż terz applikant.

8. L-iskambji tad-data bejn CATCH u sistemi elettroniċi oħra, inklużi s-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri, għandhom ikunu sinkroniċi, reċiproċi u bbażati fuq l-istandards tal-UN/CEFACT. L-iskambji tad-data bejn CATCH u s-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mid-data ta' referenza pprovduta f'CATCH.

9. F'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' CATCH, l-utenti jistgħu jużaw mudelli stampati jew elettroniċi li jistgħu jimtlew biex jirreġistraw u jiskambjaw informazzjoni. Dawn il-mudelli għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq sit web uffiċjali tal-Kummissjoni. Ladarba s-sistema terġa' tkun disponibbli, l-importatur għandu jintroduċi f'CATCH l-informazzjoni rreġistrata fil-mudelli stampati jew elettroniċi li jistgħu jimtlew u jehmiżhom f'CATCH bħala dokumenti ta' sostenn. Dawn id-dokumenti għandu jkollhom it-test *prodott waqt kontinġenza*. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-utenti permezz ta' CATCH ġimagħtejn qabel dwar kull nuqqas ta' disponibbiltà ppjanat, kemm se jdum u r-raġuni għalih.

10. Għall-fini tal-konformità mal-Artikolu 22(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, iċ-ċertifikati tal-qbid u d-dokumenti relatati ġġenerati mill-operaturi ta' pajjiżi terzi u vvalidati b'mod elettroniku mill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi f'CATCH għandhom jinħażnu minn CATCH għal mill-inqas 3 snin. Id-data personali miċ-ċertifikati tal-qbid u d-dokumenti relatati għandha tinħażen minn CATCH għal mhux aktar minn 10 snin.

11. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali f'CATCH, japplikaw ir-regoli ġenerali għall-IMSOC kif stabbiliti fl-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

(*) Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/473/oj).".

(5) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Skemi rikonoxxuti ta' dokumentazzjoni tal-qbid fl-RFMOs

L-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qbid adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd elenkati fl-Anness V ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu rikonoxxuti għall-finijiet tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 bħala konformi mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament mingħajr kundizzjonijiet addizzjonali.".

(6) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Ġestjoni tar-reġistri

Is-sistema tal-ġestjoni taċ-ċertifikati tal-qbid u, fejn xieraq, tal-ipproċessar tar-rekords, kif imsemmi fl-Artikolu 16(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, għandha titqies sodisfaċenti jekk l-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati tal-qbid u fid-dokumenti relatati kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 tkun irreġistrata f'CATCH.".

(7) It-Titolu tal-Kapitolu III u l-Artikolu 31 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*KAPITOLU III*

Kontrolli u verifiki

Artikolu 31

Kriterji tal-Unjoni għall-verifiki

F'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri għandhom jiffukaw il-verifiki fuq ir-riskji identifikati abbażi tal-kriterji tal-Unjoni li ġejjin:

(a) allerti skattati f'CATCH;

(b) informazzjoni kondiviża minn messaġġi ta' Assistenza Reċiproka skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u t-Titolu IV ta' dan ir-Regolament;

(c) prodotti miksuba minn speċijiet soġġetti għal kwota fil-qafas ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

(d) pajjiż innotifikat bil-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(e) bastiment, sid il-bastiment jew operatur tal-bastiment issuspettat li huwa jew li kien involut f'attivitajiet tas-sajd IUU;

(f) bastiment, sid il-bastiment jew operatur tal-bastiment li kien involuti f'attivitajiet illegali għajr is-sajd IUU iżda li jikkostitwixxi riskju potenzjali fir-rigward tas-sajd IUU;

(g) bastiment ikun reċentement biddel ismu, il-bandiera jew in-numru tar-reġistrazzjoni;

(h) prodotti tas-sajd miksuba minn speċijiet ta' valur kummerċjali għoli;

(i) l-introduzzjoni ta' tipi ġodda ta' prodotti tas-sajd, preżentazzjonijiet ġodda ta' prodotti, jew xejriet kummerċjali ġodda;

(j) inkonsistenzi bejn ix-xejriet tal-kummerċ u l-attivitajiet magħrufa tas-sajd ta' Stat Membru tal-bandiera b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċijiet, il-volumi jew il-karatteristiċi tal-flotta tas-sajd tiegħu;

(k) inkonsistenzi bejn ix-xejriet tal-kummerċ u l-attivitajiet magħrufa tas-sajd ta' pajjiż terz b'mod partikolari fir-rigward tal-karatteristiċi tal-industrija tal-ipproċessar jew tal-kummerċ tiegħu fil-prodotti tas-sajd;

(l) xejriet tal-kummerċ mhux ġustifikati f'termini ta' razzjonalità jew loġika ekonomika;

(m) żieda sinifikanti u f'daqqa fil-volum ta' kummerċ għal speċi partikolari;

(n) ċertifikat tal-qbid sottomess fir-rigward ta' diversi kunsinni;

(o) ġenerazzjoni, validazzjoni u sottomissjoni ta' ċertifikati tal-qbid stampati jew l-approvazzjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-ipproċessar fuq il-karta;

(p) inkonsistenzi bejn id-data sottomessa f'CATCH mill-operatur u d-data li tinsab fiċ-ċertifikati tal-qbid stampati, jew kwalunkwe dokument ieħor relatat fuq il-karta, jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għall-awtorità kompetenti;

(q) l-użu tal-kaxxa 6 taċ-ċertifikat tal-qbid kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(r) l-użu tal-kaxxa 7 taċ-ċertifikat tal-qbid kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 fil-każ ta' trażbordi;

(s) sottomissjoni ta' ċertifikati tal-qbid akkumpanjati minn diversi dettalji tat-trasport kif previst fl-Appendiċi għall-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u/jew dokumenti previsti skont l-Artikolu 14(1) tal-istess Regolament;

(t) prodott minn Stat tal-bandiera ġdid jew minn Stat esportatur ġdid;

(u) operatur li għadu kif ġie stabbilit.".

(8) L-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 32*

Obbligi ta' rappurtar u evalwazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 31 fir-rapport tagħhom li għandu jintbagħat lill-Kummissjoni kull sentejn skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. Fir-rapporti tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kontrolli mwettqa skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(b) l-għadd u n-natura tal-indikaturi tar-riskju addizzjonali introdotti mill-Istati Membri f'CATCH fil-livell nazzjonali;

(c) l-għadd ta' allerti skattati f'CATCH għal kull indikatur tar-riskju;

(d) ir-riskji identifikati abbażi tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament u ta' kriterji nazzjonali addizzjonali jekk jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(e) l-eżiti tal-attivitajiet ta' verifika mwettqa biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati f'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(f) il-verifiki mwettqa skont l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(g) il-verifiki mwettqa b'mod aleatorju f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

3. Abbażi ta' dawk ir-rapporti u l-osservazzjonijiet tagħha stess, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni u aġġustament possibbli tal-kriterji tal-Unjoni.".

(9) L-Artikolu 33 jitħassar.

(10) L-Artikolu 36 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 36*

Protezzjoni u pproċessar ta' data personali

1. Ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 kif ukoll id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u skont dan ir-Regolament mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni jew mill-korp maħtur minnha.

2. Id-drittijiet tal-persuni fir-rigward tad-data personali tagħhom ipproċessata fis-sistemi nazzjonali għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru li jkun ħażen id-data personali tagħhom, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/679, u, fir-rigward tad-data personali tagħhom ipproċessata fis-sistemi tal-Unjoni, għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

3. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha u l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw id-data personali ta' persuni fiżiċi, sabiex jaqdu dmirijiethom skont ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd, b'mod partikolari għat-twettiq ta' verifiki u inkjesti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1005/2008, jew skont ir-regoli ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi wħud mid-drittijiet tas-suġġetti tad-data fil-kuntest tal-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni fis-sistema tal-Unjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1862 tas-6 ta' Novembru 2019.

_____

(*) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj).".

(11) L-Artikolu 37 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 37*

Użu tal-informazzjoni u l-protezzjoni tas-segretezza professjonali u kummerċjali

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-data koperta mis-segretezza professjonali u kummerċjali miġbura, riċevuta u trażmessa fil-qafas ta' dan ir-Regolament tiġi ttrattata skont regoli applikabbli dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali.

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 skambjata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ma tistax tiġi trażmessa lil persuni oħrajn għajr lil dawk li l-funzjonijiet tagħhom fl-Istati Membri jew fil-Kummissjoni jew fil-korp maħtur minnha, jirrikjedu li jkollhom aċċess għal tali data u bil-kunsens tal-Istat Membru jew tal-Kummissjoni jew tal-korp maħtur minnha li jkun ipprovda dik id-data. Fil-każ ta' rifjut, l-Istat Membru, il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom jipprovdu r-raġunijiet għar-rifjut tat-trażmissjoni tad-data. In-nuqqas ta' tweġiba għal talba għal approvazzjoni f'perjodu ta' xahar għandu jitqies bħala approvazzjoni.

3. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 ma għandha tintuża għall-ebda fini għajr dak previst f'dan ir-Regolament, ħlief bl-approvazzjoni tal-Istat Membru, il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha li jkun ipprovda dik id-data u bil-kundizzjoni li d-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat Membru tal-awtorità li qed tirċievi d-data ma jipprojbixxux dak l-użu. Fil-każ ta' rifjut, l-Istat Membru, il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom jipprovdu r-raġunijiet għar-rifjut.".

(12) Ir-referenza għall-Artikolu 42(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 fir-Regolament (KE) Nru 1010/2009 kollu għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

(13) L-Anness IIA u l-Anness IIB huma sostitwiti bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(14) L-Anness IV huwa sostitwit bit-test tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(15) L-Anness V huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(16) L-Anness IX jitħassar.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

L-Artikolu 6 u l-Anness II ta' dan ir-Regolament se jkunu applikabbli mill-10 ta' Jannar 2027.

Sal-10 ta' Jannar 2028 l-importatur jista' juża ċertifikati simplifikati tal-qbid li jkunu ġew ivvalidati qabel l-10 ta' Jannar 2027 f'konformità mal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009 kif applikabbli fiż-żmien tal-validazzjoni tagħhom.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-10 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS II

Formola għan-notifika minn qabel għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2

Il-kampijiet immarkati b'asterisk (*) ma għandhomx għalfejn jimtlew f'każijiet fejn ċertifikat tal-qbid ikun ġie vvalidat biex il-qabda kollha tiġi żbarkata jew tiġi ttrasbordata fl-UE.

Identifikazzjoni tal-bastiment

1. Isem il-bastiment:

2. Tip ta' bastiment (qbid, trasport jew appoġġ):

3. Bandiera (pajjiż ta' reġistrazzjoni):

4. Numru tar-reġistrazzjoni nazzjonali (immarkar estern):

5. Kodiċi internazzjonali tar-radju:

6. Informazzjoni ta' kuntatt tal-bastiment:

7. In-numru tal-IMO, jekk applikabbli:

8. Identifikatur uniku ieħor tal-bastiment (jekk ma jingħatax in-numru tal-IMO):

9. VMS (le/iva (nazzjonali) le/iva (RFMO); jekk iva, tip:)

10. Dimensjonijiet tal-bastiment — it-tul: travu: abbozza:

Port tal-waqfa intenzjonat

11. Isem il-port (kodiċi tal-pajjiż ISO alpha-2 + kodiċi tal-port bi 3 ittri[1]:

12. Raġuni għall-waqfa (żbark, trażbord, inkella aċċess għas-servizzi):

13. Port u data tal-aħħar waqfa f'port (kodiċi ISO alpha-2 tal-pajjiż + isem il-port/il-kodiċi tal-port bi 3 ittri):

Awtorizzazzjoni tas-sajd

14. Numru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, perjodu ta' validità u data ta' skadenza (speċifika wkoll iż-żona tas-sajd, l-ispeċi u l-irkaptu)(*):

15. Awtorizzazzjoni għall-appoġġ tal-operazzjonijiet tas-sajd/tat-trażbord tal-prodotti tas-sajd u d-data ta' skadenza:

16. Awtorità tal-ħruġ:

17. ID tal-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd, jekk applikabbli:

Dati

18. Dati tal-vjaġġ tas-sajd (*):

19. Data u ħin previsti tal-wasla fil-port:

Kwantitajiet ta' speċijiet miżmuma abbord (inkella rapport żero jekk ma hemmx qabdiet)

20.–in-numru/i taċ-ċertifikat/i tal-qbid għal dan/dawn (jekk disponibbli)	21.–Data tat-trażbord (jekk it-trażbord sar f'post ieħor li mhux il-port tal-iżbark) (*)	22.–żona jew port tat-trażbord (żona tal-FAO (ICES), subdiviżjoni tal-FAO (ICES) u żona tal-isforz tas-sajd) (*)	23. Data tal-awtorizzazzjoni tat-trażbord (*)	24.–L-isem tal-ispeċi (kodiċi alpha-3 tal-FAO) (*)
25.–Żona jew port tat-trażbord (żona tal-FAO (ICES), subdiviżjoni tal-FAO (ICES) u żona tal-isforz tas-sajd) (*)	26.–Total stmat ta' piż ħaj abbord (f'kg) u/jew għadd ta' ħut jekk meħtieġ	27.–Piż ħaj ta' ħut totali stmat għall-iżbark/ għat-trażbord (f'kg) u/jew għadd ta' ħut jekk meħtieġ (*)	28.–Piż nett f'kg ta' ħut li għandu jiġi żbarkat/ trażbordat (*)	29.–Preżentazzjoni tal-ħut u l-istat ta' preżervazzjoni (uża l-kodiċijiet ([1])) (*)

([1]) Kodiċijiet għall-portijiet, għall-istati tal-preservazzjoni tal-ħut u għall-preżentazzjoni tal-ħut huma disponibbli fuq: https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/fisheries/rules/enforcing-rules_en

30. Isem u indirizz ta' sid il-bastiment:

31. Isem il-kaptan tal-bastiment/tar-rappreżentant tiegħu:

32. Firma:

33. Data:"

ANNESS II

"ANNESS IV

ĊERTIFIKAT TAL-QBID TAL-UNJONI EWROPEA

Formola simplifikata għall-prodotti tas-sajd li jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-Artikoli 6 u 6a ta' dan ir-Regolament

(I) **ĊERTIFIKAT TAL-QBID TAL-UNJONI EWROPEA**

Formola simplifikata għall-prodotti tas-sajd li jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1010/2009

Numru tad-dokument	
Awtorità ta' Validazzjoni	
Isem	
Indirizz	
Email	Tel.

1. Deskrizzjoni tal-prodott

Speċi:	Kodiċi tal-prodott	Piż Żbarkat Ivverifikat (kg)

2.- Referenza għall-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli

3.- Lista ta' bastimenti li pprovdew il-qabdiet (annessa)

L-isem tal-bastiment	Numru tar-reġistrazzjoni nazzjonali	Kwantità (kg)	Data tal-qabda

4.- Esportatur

Isem	Indirizz/telefon	Firma	Data	Siġill

5.- Validazzjoni tal-Istat tal-bandiera:

Isem/Titlu	Firma	Data	Siġill (timbru)

6.- Dettalji tat-trasport (ara l-Appendiċi)

Dikjarazzjoni tal-importatur			
Kumpanija, isem, indirizz, numru EORI (1) u dettalji ta' kuntatt tal-importatur (speċifika d-dettalji)	Firma	Data	Siġill
Kumpanija, isem, indirizz, numru EORI (1) u dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-importatur (speċifika d-dettalji)	Firma	Data	Siġill
Deskrizzjoni tal-prodott	Kodiċi NM	Piż nett f'Kg	Piż nett tal-prodott tas-sajd f'kg
Dokument skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008	Iva/le (kif xieraq)	Referenzi	
Dokument skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008:	Iva/le (kif xieraq)	Referenzi (Numru/i tad-dokument tad-dikjarazzjoni tal-ipproċessar):	
Stat Membru u uffiċċju tal-importazzjoni			
Mezzi ta' trasport mal-wasla (ajruplan, vettura, bastiment, ferrovija)	Referenza tad-dokument tat-trasport		Ħin stmat tal-wasla (jekk sottomess skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008)
Numru tad-dikjarazzjoni tad-dwana (jekk maħruġa)	Numru CHED (2) (jekk disponibbli)		

Kontroll fuq l-importazzjoni				
Awtorità	Post	Importazzjoni awtorizzata(3)	Importazzjoni sospiża(3)	Verifika mitluba — data

Rifjut ta' ċertifikat tal-qbid	
Ċertifikat tal-qbid irrifjutat abbażi tad-dispożizzjoni li ġejja tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008:	
L-Artikolu 18(1), il-punt (a)	(3)
L-Artikolu 18(1), il-punt (b)	(3)
L-Artikolu 18(1), il-punt (c)	(3)
L-Artikolu 18(1), il-punt (d)	(3)
L-Artikolu 18(1), il-punt (e)	(3)
L-Artikolu 18(1), il-punt (f)	(3)
L-Artikolu 18(1), punt (g)	(3)
L-Artikolu 18(2), il-punt (a)	(3)
L-Artikolu 18(2), il-punt (b)	(3)
L-Artikolu 18(2), il-punt (c)	(3)
L-Artikolu 18(2), il-punt (d)	(3)

(1) Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi.

(2) Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul.

(3) Immarka skont il-każ.

(II) **ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA**

Numru taċ-ċertifikat	Data	Stat Membru	
1.- **Deskrizzjoni tal-prodott**			
Piż (f'kilogrammi)	Speċi	Kodiċi tal-prodott	Bilanċ mill-kwantità totali ddikjarata fiċ-ċertifikat tal-qbid
2.- **L-isem tar-riesportatur**			
Indirizz	Firma	Data	
3.– **Awtorità**			
Isem/Titlu	Firma	Data	Siġill/Timbru
4.- **Kontroll fuq ir-riesportazzjoni**			
Post	Riesportazzjoni awtorizzata (*)	Verifika mitluba (*)	Numru u data tad-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni

(*) Immarka kif xieraq

Appendiċi

Dettalji tat-trasport ([1])

1. Pajjiż tal-esportazzjoni Port/ajruport/post ieħor tat-tluq	2. Firma tal-esportatur		3. Punt ta' destinazzjoni	
Isem u bandiera tal-bastiment Numru tat-titjira/numru tal-fattura tal-passaġġ bl-ajru Nazzjonalità tat-trakk u numru ta' reġistrazzjoni Numru tal-fattura tal-passaġġ bil-ferrovija Numru tal-fattura tal-passaġġ tal-merkanzija Dokument/i ieħor/oħra ta' trasport (eż. polza ta' kargu, CMR ([2]), polza tal-vjeġġ bl-ajru)	Numru/i tal-kontejner(s) lista mehmuża	Isem	Indirizz	Firma

([1]) Fil-każ ta' użu ta' modi ta' trasport multipli jew konsenji multipli, l-informazzjoni relatata mat-trasport għandha tiġi pprovduta għal kull mod ta' trasport użat għal kull konsenja.

([2]) Kuntratt għat-Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq."

ANNESS III

"*ANNESS V*

Skemi tad-dokumentazzjoni tal-qbid adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, rikonoxxuti bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008

Parti I Skemi tad-dokumentazzjoni tal-qbid rikonoxxuti bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008:

Skema tad-dokumentazzjoni tal-qbid ta' *Dissostichus spp*. kif stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/2001 ([1])

Programm ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn tal-ICCAT kif stipulat fir-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi skema tad-dokumentazzjoni tal-qbid ta' *Dissostichus* spp (ĠU L 145, 31.05.2001, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1035/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn (*Thunnus thynnus*) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 (ĠU L 2023/2833, 20.12.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2833/oj)."